MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 964/2000/1

**L.A.C. Co Limited**

**v.**

**Edward Borg Bartolo**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003. Is-socjeta` attrici

f'dan il-kaz kienet qed titlob ir-ritrattazzjoni ta' kawza quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

**2.** Permezz ta' citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Mejju, 2000, il-kumpannija appellanti ritrattanda ippremettiet:

"Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Edward Borg Bartolo v. Annunziato sive Lany Calleja f'isem is-socjeta` L.A.C. Limited" moghtija fit-18 ta' Frar, 2000, il-Qorti ddecidiet illi:

*1) Tikkundanna lill-konvenut nomine biex fi zmien sitt xhur millum jiddemolixxi kull kostruzzjoni li ghamel kontra l-ligi u minghajr rispett ghas-servitu` tal-fondi tal-attur (sabiex tkun b'hekk [tigi] rispettata d-distanza kif spjegat aktar 'il fuq) u dan taht il-harsien ta' l-A.I.C. David Pace li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez ta' l-istess socjeta` konvenuta;*

*2) Tawtorizza lill-attur biex, jekk jghaddi inutilment iz-zmien koncess, jaghmel din id-demolizzjoni hu a spejjez tas-socjeta` konvenuta taht il-harsien ta' l-istess A.I.C. David Pace;*

*3) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-fondi tieghu kkawzati mis-socjeta` konvenuta waqt ix-xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond 20 Lapsi Street, San Giljan, fl-ammont ta' Lm560; u*

*4) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur din is-somma ta' Lm560 bl-imghax mil-lum;*

"Illi a tenur tal-Art. 488 tal-Kodici Civili, servitujiet maghmula minn utilista temporaneju ta' immobbli jispiccaw mal-eghluq tal-enfitewsi;

"Illi kif jirrizulta mill-annessa sentenza, Pietro Paolo Formosa akkwista l-utile dominju temporanju tat-tliet fondi 20, 21 u 22, Lapsi Street, San Giljan, permezz ta' att ippubblikat min-Nutar Giovanni Azzopardi fil-11 ta' Frar, 1920;

“Illi, kif jirrizulta mill-istess sentenza, s-servitu` attiva ta’ twieqi a favur tal-fondi 21 u 22 Lapsi Street, San Giljan giet maghmula mill-istess utilista temporaneju tal-fond 20, meta l-imsemmi Pietro Paolo Formosa biegh l-utli rimanenti tal-fondi 21 u 22, u zamm l-utli temporanju tal-fond numru 20, u dan permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar Giovanni Azzopardi fis-26 ta’ Mejju, 1920;

“Illi c-cens temporanju kien gie kostitwit originarjament ghal zmien disgha u disghin (99) sena mill-Ordni tal-Patrijiet Karmelitani ta’ Malta permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar Paolo Vassallo fil-21 t’April, 1898 (Dok. B);

“Illi dak ic-cens temporanju ghalaq, u llum is-socjeta` attrici hija proprjetarja assoluta tal-proprjeta` numru 20, Lapsi Street, San Giljan, libera u franka, minghajr pizijiet jew servitujiet;

“Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba milqugha fis-sentenza imsemmija huma rizultat ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi kif irid l-Art. 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi sservitujiet spiccaw mal-eghluq tal-enfitewsi;

“Illi ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza, wara illi dawn l-ewwel zewg talbiet milqugha kif inghad jigu mhassra.”;

**3.** Premess dan, is-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ighid ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex:

1. Thassar u tirrevoka d-decizjoni taghha fuq l-ewwel zewg talbiet (1) u (2) tas-sentenza fl-ismijiet “Edward Borg Bartolo v. Annunziato sive Lany Calleja f’isem is-socjeta’ L.A.C. Limted” moghtija fit-18 ta’ Frar, 2000;

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza kwantu din tirrigwardja l-imsemmija l-ewwel zewg talbiet (1) u (2); u

3. Tiddikjara illi s-servitu` imsemmija konsistenti fis-servitu` attiva ta’ twieqi maghmula fuq il-fond servienti numru 20, Lapsi Street, San Giljan, minn censwalist temporanju permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar Giovanni

Azzopardi fis-26 ta' Mejju, 1920, kif fuq espost, ghalqet mal-eghluq tac-cens temporanju.

**4.** Il-konvenut, illum appellat ritrattat (Edward Borg Bartolo) eccepixxa:-

“1. Illi fl-ewwel lok ir-ritrattazzjoni tal-kawza ma tistax tigi proposta stante dak li hemm previst fl-artikolu 812 tal-Kapitolu 12.

“2. Illi fil-meritu ma kien hemm l-ebda zball tal-ligi fis-sentenza in kwistjoni kif qieghed jigi allegat mis-socjeta` L.A.C. Co Ltd. u ghalhekk it-talba ghar-ritattazzjoni ghandha tigi michuda.”

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**5.** Permezz ta' sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat ritrattat u ddikjarat li s-socjeta` appellanti ritrattanda ma wrietx li wettqet dak minnha mitlub mill-Artikolu 812 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Dik il-Qorti lliberat lill-attur mill-osservanza tal-gudizzju w ordnat li l-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` attrici. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:

“Illi din hija azzjoni ghat-thassir ta' sentenza li saret gudikat u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza li fiha kienet inghatat dik is-sentenza. Il-kumpannija attrici ritrattanda tghid li s-sentenza moghtija kontra tagh_ha fit-18 ta' Frar, 20003[1], kwantu laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici, hija “rizultat ta' applikazzjoni hazina tal-ligi” skond l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk qeghda titlob it-thassir ta' dik is-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza;

“Illi ghal din l-azzjoni l-imharrek ritrattat laqa' billi qal li l-kawza ma setghetx issir u li, fil-mertu, ma kien hemm l-

[1] Dok “A”, f'pagg. 6 sa 14 tal-process

ebda zball fis-sentenza attakkata li jwassal biex din tithassar u biex il-kawza terga' tinstama' mill-gdid;

"Illi din is-sentenza qeghda tinghata dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek ritrattat, u jigifieri jekk l-azzjoni setghetx titressaq skond ma jghid l-artikolu 812 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

"Illi mill-fatti li johorgu mill-atti processwali jirrizulta li l-imharrek ritrattat fetah kawza kontra l-kumpannija attrici fid-29 ta' Novembru, 1984, li laqghet notifika taghha fit-8 ta' Dicembru, 1984[2]. Hija ressqet Nota tal-Eccezzjonijiet fl-20 ta' Dicembru, 1984,[3] b'hames dokumenti mehmuzin maghha. Il-partijiet kienu notifikati bl-Avviz tas-Smigh tal-kawza wkoll fit-2 ta' Marzu, 1985[4]. Il-kawza nqatghet fit-18 ta' Frar, 2000, u minnha ma sarx appell. Fis-17 ta' Mejju, 2000, infethet din il-kawza;

"Illi dwar l-aspetti legali li jolqtu l-kwestjoni taht ezami, jehtieg jinghad minnufih li huwa maghruf u accettat li l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment[5] sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi[6]; u, fit-tieni post, dik li terga' tinstama' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raguni tajba biex thassar is-sentenza ewlenija, m'ghandhiex, bhala regola, tidhol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugha bis-sentenza li taghha jintalab it-thassir[7];

"Illi, b'zieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eccezzjonali tal-procedura tar-ritrattazzjoni, irid jinghad ukoll li l-prova tar-raguni li ghaliha parti titlob li kawza tigi

[2] Riferta f'pag. 2 *tergo* tal-process tal-kawza 1677/84JDC
[3] Pagg. 8 sa 14 tal-process 1677/84JDC
[4] Pagg. 16 *tergo* tal-process 1677/84JDC
[5] App. Civ. **5.6.1985** fil-kawza fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et***
[6] App. Civ. **7.12.1936** fil-kawza fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)
[7] Ku.. **16.12.1915** fil-kawza fl-ismijiet ***Harrison noe vs Zammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)

mismugha mill-gdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija misthoqqa[8]. Il-parti ritrattata m'ghandha ghalfejn tipprova xejn, specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti ritrattata, bhal f'dan il-kaz;

"Illi billi s-sentenza li dwarha infethet din il-procedura kienet moghtija minn din il-Qorti bhala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-kumpannija attrici tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika mieghu l-artikolu 811(e). Skond il-ligi, din l-azzjoni trid issir fi zmien tliet (3) xhur minn dak inhar li tkun inghatat is-sentenza kontriha fil-proceduri l-ohrajn fejn kienet imharrka[9];

"Illi l-Qorti thossha fid-dmir tgid ukoll li ghalkemm il-kawza tal-lum kienet thalliet ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek ritrattat, saru sottomissjonijiet mill-kumpannija attrici wkoll dwar il-"mertu" tat-talba dwar is-smigh mill-gdid. Ma sar l-ebda verbal li jibdel dak tas-smigh tat-12 ta' Dicembru, 2000. Ukoll kieku kien sar bdil fih, il-Qorti xorta wahda ma tistax, fid-dawl tan-natura u l-effett tal-eccezzjoni taht ezami, tibda tqis ir-raguni tar-ritrattazzjoni qabel tehles mill-eccezzjoni. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tqis hwejjeg trattati lil hinn minn dawk li jintlaqtu mill-eccezzjoni taht ezami;

"Illi minbarra dan, fil-bidunett tan-Nota taghha mressqa fit-18 ta' Marzu, 2002, il-kumpannija attrici tghid li dik in-nota "issegwi nota precedenti tal-istess esponenti rigward ir-ritrattazzjoni *de quo*". Din id-dikjarazzjoni ma jidhirx li ghandha mis-sewwa ghaliex mill-atti tal-kawza ma tohrog l-ebda Nota precedenti kif qed jinghad u lanqas huwa probabbli li dak kien il-kaz jekk wiehed jara sewwa l-verbali tas-smigh ta' z-zmien qabel tressqet l-ewwel u l-unika Nota. Ghalhekk, fuq il-massima li dak li ma jinsabx fl-atti qisu ma sar qatt, il-Qorti sejra toqghod biss fuq dawk il-partijiet rilevanti ghall-istqarrig tal-eccezzjoni li jinsabu fl-

---

[8] Ara, per ezempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawza fl-ismijiet ***Aquilina vs Ciantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)

[9] Art 818(1)(d) tal-Kap 12

imsemmija Nota wahdanija u dak li gie sottomess quddiemha waqt is-smigh;

“Illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Huwa essenzjali f’kull sistema ta’ dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta’ dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (*pro veritate habetur*). Kif inghad[10], l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga’ tqajjem il-kwestjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk, il-legislatur ried li jaghti espressament, b’mod tassativ u f’dawn it-termini biss r-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista’ tigi attalkkata u mwaqqa’ wara li tkun saret gudikat. B’dan il-mod, jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m’hemm l-ebda mod kif titwaqqa’ sentenza li ghaddiet in gudikat[11]. Minbarra dan, ilu zmien twil stabilit il-principju li s-sahha tar-rabta ta’ sentenza li ghaddiet f’gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnifisha, ghall-kuntrarju ta’ fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa[12];

“Illi ghalkemm huwa minnu li din il-kawza nfethet f’anqas minn tlitt xhur minn meta kienet inghatat is-sentenza, dan m’huwiex il-kriterju wahdien li l-kumpannija attrici ritrattanda trid turi biex teghleb l-eccezzjoni li ressaq l-imharrek ritrattat. Hija trid turi qabel kull haga ohra li l-fatt allegat minnha bhala raguni siewja biex il-kawza maqtugha tinstama’ mill-gdid saret tafu wara li kien ghalqilha z-zmien biex tappella mis-sentenza[13];

---

[10] App. Civ. **28.6.1973** fil-kawza fl-ismijiet ***Caterina Gerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)

[11] App Inf. **31.7.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Martin Farrugia vs John Mifsud*** (mhix pubblikata)

[12] Kumm. **31.3.1894** fil-kawza fl-ismijiet ***Zonda vs Parthenis*** (Kollez. Vol: **XIV.i.219**)

[13] App. Civ. **25.4.1975** fil-kawza fl-ismijiet ***Androcles Scicluna vs John Caruana et*** (Mhixpubblikata)

“Illi, ghar-rigward tat-tifsira moghtija lill-artikolu 812 tal-Kodici tal-Procedura taht ezami, inghad li l-kundizzjoni li tahtha jista’ jinghata r-rimedju tar-ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija minn Qorti tal-ewwel istanza li ma tkunx giet appellata (jigifieri li r-raguni ghar-ritrattazzjoni ssir maghrufa wara li jkun ghalaq iz-zmien ghall-appell mill-imsemmija sentenza) hija wahda li trid tintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li quddiemha ssir it-talba biex il-kawza tinstama’ mill-gdid. Fi kliem iehor, it-twettiq ta’ din il-kundizzjoni tirbah fuq it-terminu ta’ tlitt xhur li fih tista’ tintalab ir-ritrattazzjoni. Din il-kundizzjoni giet imfissra bhala “dekadenza” stabilita mill-imsemmi artikolu[14];

“Illi wahda mill-indizji ewlenin li tmur kontra l-kundizzjoni msemmija fl-artikolu 812 hija n-notifika kif imiss fl-ewwel istanza lill-parti li wara s-sentenza titlob is-smigh mill-gdid tal-kawza. Jekk dik il-parti kienet taf bil-kawza (u huwa ghal dan il-ghan li ssir in-notifika tal-atti) u tonqos li tressaq appell mis-sentenza moghtija, titlef il-jedd li titlob is-smigh mill-gdid tal-kawza bil-procedura tar-ritrattazzjoni[15];

“Illi l-kumpannija attrici ma tichad bl-ebda mod li hija m’appellatx jew li ma kinitx taf bis-sentenza moghtija fi zmien li fih setghet tappella. Minflok, hi tressaq l-argument li, f’dan il-kaz, “il-fatti ma jikkostitwux il-bazi tar-ritrattazzjoni, izda l-fatti huma dawk stabbiliti fis-sentenza deciza” u zzid tghid li “hija l-ligi li tosta ghall-effikacja ta’ dik is-sentenza, u mhux il-fatti”. Il-Qorti – bhalma ghamlet f’kazijiet ohra fejn tressaq dan l-argument - tifhem li, thares kif thares lejn is-sottomissjoni, l-kumpannija attrici bl-ebda mod ma fissret kif l-applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza saret taf biha biss wara li ghalqilha z-zmien biex tressaq appell minnha.
Minflok ghamlet dan, ressqet l-argument li ladarba r-ritrattazzjoni qeghda tinbena fuq il-ksur tal-ligi fis-sentenza, lanqas jista’ jinghad li japplikaw id-dispozizzjonijet tal-artikolu 812. B’zieda ma’ dan, fissret li

---

[14] App. Civ. 15.2.1995 fil-kawza fl-ismijiet *Hyzler noe vs Pisani et noe* (Kollez. Vol:LXXIX.ii.326)
[15] Kumm. **30.3.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1377**)

l-gheluq taz-zmien tal-koncessjoni[16] gab fix-xejn l-interess guridiku li l-imharrek ritrattat seta' kellu f'dawk il-proceduri;

"Illi, bl-akbar rigward lejn dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument. Fl-ewwel lok, ir-ritrattazzjoni hija moghtija **biss** ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811[17]. Fit-tieni lok, l-artikolu 812 japplika ghall-kazijiet **kollha** fejn jista' jsir is-smigh mill-gdid ta' kawza fl-ewwel grad li ma jkunx tressaq appell mis-sentenza taghha fiz-zmien li trid il-ligi;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jkollha taghti kreditu ghas-sottomissjonijiet tal-imharrek ritrattat fejn dan juri li l-kumpannija attrici ritrattanda kellha kull possibilita' li, ladarba kienet notifikata kif imiss, tqis li taghmel dak li proceduralment kien mistenni minnha biex tiddefendi ruhha. L-ilment li hija tishaq li jaghtiha jedd titlob it-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza jirrizulta li huwa wiehed li ma setax ma kienx maghruf lilha fiz-zmien utli li matulu setghet tappella mill-imsemmija sentenza. Huwa lment li l-kumpannija ma wrietx li saret taf bih wara li ghalaq dak iz-zmien;

"Illi, meta jitqiesu dawn il-fatti kollha, din il-Qorti jkollha tasal ghall-konkluzjoni li l-kumpannija attrici ma wrietx kif imiss li dak li qegha tilmenta minnu issa ma kinitx taf bih saz-zmien li setghet tressaq appell mis-sentenza, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek ritrattat hija misthoqqa."

## L-appell tas-socjeta` attrici

**6.** Fil-15 ta' Ottubru 2003 gie ntavolat appell mis-socjeta` appellanti ritrattanda. L-aggravji tas-socjeta` appellata jistghu jigu sintetizzati f'aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li dik il-parti ta' l-Artikolu 812 tal-Kap. 12 li tghid li min jitlob ir-ritrattazzjoni minn sentenza ta' l-ewwel grad irid ikun gia jaf bil-fatti li jaghtu lok ghal dik ir-ritrattazzjoni wara li jaghlaq it-terminu

[16] Li, skond l-istess kumpannija attrici sehh f'April tal-1997, jigifieri waqt li kienet ghadha qeghda tinstama' l-kawza li taghha issa qed jintalab is-smigh mill-gdid
[17] Art 813 tal-Kap 12

ta' l-appell "japplika ghall-kawzi **kollha**…" Skond is-socjeta` appellanti meta si tratta ta' applikazzjoni hazina tal-ligi – u ghalhekk mhux kwistjoni ta' "fatt" – l-ahhar parti ta' l-Artikolu 812 ma hux applikabbli. L-appellanti targumenta li hemm differenza bejn *impunjazzjoni* ta' sentenza u *revizjoni* taghha. L-appellanti tghid ukoll li galadarba l-punt tat-terminazzjoni tas-servitu` ma setax anqas jitqajjem fl-appell (anke li kieku sar tali appell) peress li dan il-punt ma kien gie f'ebda hin ventilat quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, allura zgur ma kienx hemm lok ta' appell u l-uniku rimedju kien dak tar-ritrattazzjoni. L-appellanti tikkwota diversi sentenzi u taghmel referenza ghal diversi awturi, u tissottometti li "Dan kollu jista' jfisser biss illi fejn hemm allegazzjoni illi tezisti applikazzjoni hazina tal-ligi, l-Art. 812 ma jistax japplika, ghaliex ir-ritrattazzjoni qatt ma tidhol biex tezamina l-fatti, *hlief* fejn hemm fatti godda. Izda fejn hemm punt ta' dritt, bir-rispett kollu x'ghandhom x'jaqsmu l-esistenza o meno ta' punti ta' fatt godda?" Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u "minflok tilqa' t-talbiet tal-appellant kontenuti fic-citazzjoni tieghu (*sic!*), u konsegwentement tirrinvija l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kawza tigi ritrattata…".

**<u>Fatti</u>**

**7.** Tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor il-fatti li taw lok ghall-din il-kawza:

1. Fit-18 ta' Frar, 2000 inghatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Edward Borg Bartolo v. Annunziato sive Lany Calleja f'isem is-socjeta L.A.C. Limited** (Cit. nru: 1677/84)[1], li permezz taghha l-kumpannija konvenuta giet ikkundannata sabiex twaqqa' kostruzzjoni li ghamlet kontra l-ligi. F'dik il-kawza l-appellat ritrattat kien qieghed isostni li fl-izvilupp li ghamlet is-socjeta` appellanti ritrattanda ma osservatx id-distanza li timponi l-ligi u b'hekk ma rrispettatx is-servitu`

[1] Ara fol. 7 – 14.

ta’ twieqi li l-fondi 21 u 22, Triq Lapsi, San Giljan igawdu fuq il-fond numru 20, Triq Lapsi, San Giljan[2].

2. Minn din is-sentenza ma giex intavolat appell.

3. Sussegwentement fis-17 ta’ Mejju 2000 is-socjeta` appellanti ritrattanda ntavolat dawn il-proceduri ta’ ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(e), jigifieri fuq il-bazi li s-sentenza hija rizultat ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi.

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** L-Artikolu 812 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:-

***812.*** *Ir-ritrattazzjoni ta’ kawza deciza b’sentenza moghtija minn qorti ta’ l-ewwel grad, u li ghaddiet f’gudikat, tista’ tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f’kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan,* ***basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell.*** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**9.** Illi kif gustament osservat l-Ewwel Qorti, il-procedura ta’ ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju. Mhux permess hlief f’kazijiet eccezzjonali li Qorti terga’ tikkunsidra dak li jkun b’mod jew iehor ghadda in gudikat u li ghalhekk ikun jaghmel stat bejn il-partijiet. Inoltre, kif ukoll korrettement osservat l-ewwel Qorti, iz-zmien m’huwiex il-kriterju wahdieni li jrid jipprova min jaghmel proceduri ta’ ritrattazzjoni. Fejn issir talba ghal ritrattazzjoni minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-parti trid tipprova li l-fatt li fuqu tkun qeghda tibbaza l-proceduri ta’ ritrattazzjoni saret taf bih wara li jkun ghadda l-perjodu ta’ l-appell mis-sentenza. F’dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif komposta fis-7 ta’ Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Attard v. Mario Debono et** [3] :

---

[2] Fond tas-socjeta` appellanti ritrattanda.
[3] Citazzjoni 157/2000 (ghax fl-istess data inghatat sentenza ohra, fl-istress ismijiet).

*"…fil-kaz ta' decizjonijiet minn qorti ta' prim istanza l-ligi ta' procedura tirrikjedi tassattivament xi haga ohra: cioe` li r-ritrattand jehtieglu jiddimostra u jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni sabiex it-talba tieghu tinghata widen illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba ghar-ritrattazzjoni wara li kien skorra z-zmien ta' l-appell (ara wkoll* ***Arthur Taliana et v. Godwin Falzon pro et noe*** *u* ***Saviour Cilia et v. Gasan Insurance Agency Limited noe*** *li diga` saret referenza ghalihom…; ara wkoll* ***Vincent Azzopardi v. Blye Engineering Co. Ltd*** *Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 28 ta' Jannar 2004). Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Cardona v. Marija Scicluna****, il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat hekk dwar dan l-Artikolu 812:*

***"Il-bazi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istatut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-opportunita` ta' appell wiehed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f'kazijiet eccezzjonali li l-Qorti terga' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet. Hu ghalhekk li gustament il-ligi tal-procedura biex tiffavorixxi l-istat ta' certezza ta' dritt tkompli targina u tillimita l-opportunita` ta' ritrattazzjoni ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-kazijiet eccezzjonali kif provdut fl-Artikolu 812 fuq citat. Kazijiet li jezigu bhala rekwizit sine qua non illi l-parti tkun giet taf bil-fatt li mhabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."***

**10.** Mill-atti jirrizulta li s-socjeta` appellanti ritrattanda kkontestat il-kawza fl-ismijiet **Edward Borg Bartolo v Annunziato sive Lany Calleja f'isem is-socjeta L.A.C. Limited** (Citaz. nru: 1677/84), u ma jidhirx li kien hemm xi haga li jzommha milli tintavola appell wara li nghatat is-sentenza tat-18 ta' Frar 2000. Il-kuntratti li saru riferenza ghalihom u li fuqhom is-socjeta` qed tippretendi li hemm lok ta' ritrattazzjoni minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, jidher li kienu wkoll gew ezebiti fil-kawza fuq imsemmija. Il-fatti li elenkat is-socjeta` ritrattanda appellanti fid-

dikjarazzjoni guramentata taghha annessa mac-citazzjoni[4] kienu kollha a konoxxenza taghha u ma kienux cirkostanzi godda.

**11.** Is-socjeta` appellanti ritrattanda qeghda ssostni li meta nghatat is-sentenza tat-18 ta' Frar 2000, l-appellat ritrattat ma kienx fadallu interess guridiku f'dawk il-proceduri in kwantu c-cens temporanju kien skada fl-20 ta' April 1997[5]. Kuntrarjament ghal dak li qeghda ssostni s-socjeta` appellanti ritrattanda, din l-eccezzjoni kienet zgur sollevabbli fil-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jekk il-htiega li tinghata qamet fil-mori ta' dawk il-proceduri hekk kif skada t-terminu enfitewtiku. Dan in kwantu huwa maghruf li l-interess guridiku huwa rekwizit indispensabbli fil-kors kollu tal-proceduri[6]. Jidher li s-socjeta` appellanti ritrattanda naqset milli taghti din l-eccezzjoni fl-istadju opportun tal-proceduri. Ma tistax issa tipprova tirrimedja ghan-nuqqas taghha billi tintavola proceduri ta' ritrattazzjoni li min-natura taghhom huma ta' natura straordinarja. L-argument tas-socjeta` appellanti ritrattanda li *"il-kwistjoni tal-eghluq tac-cens, u maghha it-terminazzjoni tas-servitu`, sfuggiet lil kullhadd"* [7] ma jregix. Ir-ritrattazzjoni ma tistax tinghata minhabba xi nuqqas fid-difiza. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li nghad mill-Qorti tal-Kummerc (Onor. Imhallef Paolo De Bono) fil-31 ta' Marzu 1894 fil-kawza **Giorgio Zonda v. Aristide Parthenis**[8] fejn inghad:-

*"l'autorita` del giudicato non puo` essere scossa, ne anche col rimedio straordinario della ritrattazione per la nuova deduzione di simiglianti mezzi di difesa non dedotti nel primo giudizio. In altri termini, cio che da luogo alla ritrattazione e', senza distinzione di persone, la difesa*

[4] Fol. 3-4.

[5] Ara fol. 66, nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mis-socjeta` appellanti ritrattanda quddiem l-ewwel Qorti.

[6] *"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara **Calleja v Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 1992 u **Sammut v. Attard** deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993)"*: Prim Awla tal-Qorti Civili – **George Laferla et v. Joseph Lauri et noe** deciza fit-2 ta' Mejju 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, diversament komposta, fil-11 ta' Mejju 2005. L-appell kien limitat ghall-kap ta' l-ispejjez.

[7] Ara r-rikors ta' l-appell, fol. 94.

[8] Vol. XIV.220.

*resa impossibile* ***<u>ma non la ommissione o l'insufficienza della difesa</u>***".

**12.** F'kull kaz, mill-provi ma jirrizultax li fil-perjodu li fih seta' sar appell, is-socjeta` appellanti ritrattanda kienet ghadha ma intebhitx bil-fatt li skond hi kien hemm provi li juru li l-appellat ritrattat ma kellux interess guridiku.

**13.** Is-socjeta` appellanti ritrattanda ssostni wkoll li l-kwistjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku ma setghetx tkun wahda mill-aggravji ta' appell gialadarba *"dan il-punt ma giex sollevat quddiem l-ewwel qorti"* [9]*.* In sostenn ta' dan l-argument ghamlet riferenza ghal xi gurisprudenza li f'appell ma jistghux jigu sollevati kwistjonijiet li ma kienux tqajmu quddiem l-ewwel Qorti[10]. L-argument taghha hu fis-sens li ma kienx utli li jsir appell u jitressaq dan l-aggravju gialadarba tezisti din il-gurisprudenza. Dan, pero`, jidher li huwa riskju li s-socjeta` appellanti ritrattanda ghazlet li tiehu. Min-naha l-ohra jidher li s-socjeta` appellanti ritrattanda m'hijiex tqies dak li jipprovdi l-Artikolu 732(1)[11] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), kif ukoll gurisprudenza ohra fejn sahansitra gie kkonfermat li eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku tista' tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti. Hekk per ezempju fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993 fl-ismijiet **Joseph Sammut noe v. Carmelo Attard,** il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet, permezz ta' sentenza moghtija fit-tnax (12) ta' Frar, 1988, laqghet it-talbiet attrici. Il-konvenut appella minn din is-sentenza u l-Qorti ta' l-Appell issollevat *ex officio* l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta` attrici u rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel qorti[12]. Dan ovvjament b'applikazzjoni tal-principju li l-interess guridiku irid jezisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni. Is-socjeta`

---

9 Ara rikors ta' l-appell, fol. 96.

10 Fol. 94, rikors ta' l-appell.

11 *"Bla hsara dejjem tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad."*

12 *"Minn dan premess jidher a prima vista illi mhux projbittiv ghall-Qorti li tissoleva hi stess il-karenza ta' l-interess fl-attur anke fil-kors tal-kawza li tkun miexja"* – **Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit et**, Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 19 ta' April 2004.

appellanti ritrattanda kellha l-obbligu li tirrikorri ghar-rimedji ordinarji li toffri l-ligi gialadarba kellha din it-triq miftuha. Ir-riferenza li ghamlet is-socjeta` appellanti ritrattanda ghall-kawza fl-ismijiet **Angelo Mangion v. Agostino Mangion** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Dicembru 1967, m'hijiex rilevanti in kwantu dak kien kaz fejn il-ligi kienet fiha nnifisha tqieghed restrizzjonijiet fuqhiex wiehed seta' jappella, u dan kien kaz fejn ma kienx hemm appell mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera. Dak il-kaz m'ghandu l-ebda somiljanza mal-kaz odjern. Wiehed irid jiftakar ukoll li dan huwa kaz ta' ritrattazzjoni u ghalhekk biex tirnexxi t-talba l-attur irid jissodisfa r-rekwiziti ta' dan l-istitut. Id-distinzjoni li saret mis-socjeta` appellanti ritrattanda fir-rikors ta' l-appell bejn *impunjazzoni* u *revizjoni* tas-sentenza hija ghal kollox irrilevanti ghaliex m'hemm l-ebda ligi li kienet tivvjeta lis-socjeta` appellanti ritrattanda milli tappella mis-sentenza tat-18 ta' Frar 2000.

**14.** Ghalhekk, permezz tal-proceduri odjerni s-socjeta` ritrattanda appellanti qeghda fir-realta` sempliciment tipprova tiftah mill-gdid kaz li dwaru nghatat sentenza li ghaddiet in gudikat. Qorti m'ghandix tippermetti li taht <u>il-pretest</u> ta' ritrattazzjoni t-tellief jerga' jiftah il-kawza u b'hekk b'mod indirett jaghti lok ghal tribunal tat-tielet istanza.

**15.** Apparti dan kollu, ritrattazzjoni bazata fuq li l-Qorti tkun applikat il-ligi hazin (kif inhu l-kaz odjern) – Art. 811(e) – timporta investigazzjoni limitata hafna. Il-Qorti (li s-sentenza taghha tintalab li tigi l-ewwel imhassra w imbaghad ritrattata) trid tkun applikat provvediment ta' ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata – ara r-rekwizit ta' l-Artikolu 816 tal-Kap. 12. L-Art. 811(e) ma jaghti ebda lok sabiex il-fatti tal-kawza jigu ezaminati mill-gdid jew li jerga' jsir xi apprezzament tal-provi. Minn qari tac-citazzjoni, tan-nota ta' sottomissjonijiet u tar-rikors ta' l-appell, jidher bic-car li huwa proprju dan li qeghda tippretendi li jsir is-socjeta` appellanti ritrattanda f'dawn il-proceduri, in kwantu targumenta li mill-atti jirrizulta li kienet skadiet koncessjoni enfitewtika u ghalhekk l-appellat ritrattat ma kienx fadallu interess guridiku.

Esercizzju li necessarjament ifisser li wiehed irid jezamina mill-gdid il-provi li tressqu, haga li m'hijiex possibbli meta jsiru proceduri ta' ritrattazzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Dan huwa wkoll ikkonfermat b'dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **Negte. Giuseppe Vella Zarb v. Antonio Bartolo**[13], ikkwotata mis-socjeta` appellanti ritrattanda fir-rikors ta' l-appell taghha: *"Che la Corte in un giudizio di ritrattazione non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per veder se vi sia mala applicazione di legge deve prendersi per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata"*. Dan il-bran, citata mill-istess socjeta` appellanti ritrattanda ma jista' bl-ebda mod ighin it-tezi ta' l-istess socjeta`, anzi proprju jkompli jikkonferma kemm anke fuq din il-bazi l-azzjoni kienet tfalli.

**<u>Decide</u>**

**15.** Ghall-motivi premessi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[13] Vol. XXVII.i.438.